# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Agius]**
**[Spettur Kevin Pulis]**
**[Spettur Melvyn Camilleri]**

**vs**

**-Omissis-**
**James Alexander Casha**

Illum, 23 ta' April 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis- u James Alexander Casha detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 348207L;

Akkuzat talli id-19 ta' April 2021 u/jew fil-jiem ta' qabel, din id-data gewwa Haz-Zebbug, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda:

1. Akkuzati talli fil-lejl tas-16 u 17 ta' April 2021, gewwa Triq il-Kandlora, Haz-Zebbug u/jew f'dawn il-Gzejjer, ikkommettew serq minn gewwa vettura, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, bin-natura tal-haga misruqa u bil-valur liema valur ma jeccediex il-mitejn tnejn u tletin euro u tlieta u disghan centezmu (232.93ewro) ghad-detriment ta' Victor Camilleri u/jew persuni ohra.

2. U aktar talli fl-istess, dati, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-mitejn u hamsin Ewro (€250), ghad-detriment ta' Victor Camilleri u/jew persuni ohra.

3. U aktar talli fil-lejl tas-16 u 17 ta' April 2021, gewwa Triq il-Buskett, Haz-Zebbug u/jew f'dawn il-Gzejjer, ikkomettew serq minn gewwa vettura liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bin-natura tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Fabian Fleri u/jew persuni ohra.

4. U aktar talli fl-istess, dati, lok, hin u cirkostanzi, hassru, ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-mitejn u hamsin Ewro (€250), ghad-detriment ta' Fabian Fleri u/jew persuni ohra.

5. U aktar talli fil-lejl tas-16 u 17 ta' April 2021 gewwa Triq il-Grazzja, Zebbug u/jew f'dawn il-Gzejjer, ikkomettew serq minn gewwa vettura liema serq huwa aggravat bil-hin u bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Godfrey Farrugia u/jew presuni ohra.

6. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-18 u 19 ta' April 2021, gewwa Triq it-Troll, Haz-Zebbug u/jew f'dawn il-Gzejjer, ikkomettew serq minn gewwa vettura liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz u bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Alessandro Loporto u/jew persuna ohra.

7. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex

il-mitejn u hamsin Ewro (€250), ghad-detriment ta' Alessandro Loporto u/jew persuni ohra.

8. U aktar talli fil-lejl tat-18 u 19 ta' April 2021, gewwa Triq il-Kandlora, Haz-Zebbug u/jew f'dawn il-Gzejjer, ikkomettew serq minn gewwa vettura liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz u bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Claudio Cardlo Giuseppe Tonolla u/jew persuna ohra.

9. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hasru, ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-mitejn u hamsin Ewro (€250), ghad-detriment ta' Claudio Cardlo Giuseppe Tonolla u/jew persuni ohra.

10. U aktar talli fil-lejl tad-19 u 20 ta' April 2021, gewwa Triq Luret Cutajar, Haz-Zebbug u/jew f'dawn il-Gzejjer, ikkomettew serq minn gewwa vettura liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz u bin-natura tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Temenuzhka Chavdarova u/jew persuni ohra.

11. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hasru, ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-mitejn u hamsin Ewro (€250), ghad-detriment ta' Temenuzhka Chavdarova u/jew persuna ohra.

12. -Omissis- u James Alexander Casha huma akkuzati ukoll talli nhar is-16 ta' April 2021, minn gewwa l-Kappella tad-Duluri gewwa Triq il-Kbira, Haz-Zebbug u/jew f'dawn il-Gzejjer, ikkomettew serq ta' flus kontanti liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u il-mezz ghad-detriment Daniel Cardona u/jew persuni/entitajiet ohra.

13. James Alexander Casha wahdu huwa akkuzat tallli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 u 50 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

14. -Omissis-

15.-Omissis-

16.-Omissis-

17.-Omissis-

18.-Omissis-

Rat id-dokumenti;

Rat l-artikoli ndikati u cioe' l-Artikoli 49 u 50 et sequitur tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat James Alexander Casha tal-akkuzi kif dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri u stante li qed jikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni, qed issib lill-imputat James Alexander Casha hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Finlament spjegat fi kliem semplici lill-imputat James Alexander Casha ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

____________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**